MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 639/2012

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif issurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Joseph Micallef ID 90941M sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Joseph Micallef**

**vs**

1. **Carolina Investments LTD (C38537)**
2. **Perit Colin Zammit (ID 242171M)**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li dan l-AVVIZ origina minn incident li sehh fl-24 ta' Lulju 2010 go Triq San Xmun, San Pawl il-Bahar meta grada f'sit ta' kostruzzjoni infethet ghal fuq vettura CRL 129 ta' Joseph Micallef li kienet parkjata fit-triq.

Is-socjeta' Attrici Assikuratrici tal-vettura hallset disa' mija, sitta u tlettin Ewro sitta u erbghin centezmi (€936.46c) danni – somma li tinkludi l-*excess* fuq il-polza ta' assikurazzjoni. Din is-Socjeta' qed titlob dan il-quantum bhala danni minghand is-Socjeta Konvenuta, Carolina Investment Limited u l-konvenut l-iehor Perit Colin Zammit billi tirritjeni li l-incident sehh bi htija tal-konvenuti (L-AVVIZ hu akkumpanjat bid-Dokumenti GMI 1 sa 17).

**Ra** r-RISPOSTA tal-Perit Zammit hekk:-

1. Hu m'ghandu ebda relazzjoni guridika mas-Socjeta' Attrici jew ma Joseph Micallef.
2. Jekk hemm responsabilta' mis-Socjeta' Konvenut hu, li fuq is-sit kellu biss operat professjonali, mhux responsabbli.
3. It-talbiet infondati fil-fatt u fid-dritt.

II PROVI

1. **Joseph Muscat**, *motor vehicle surveyor,* tqabbad ghal *survey* fuq il-Hyundai CRL 129 li kellha hsara konsistenti f'taghfis fuq il-lemin, minn quddiem sa wara. Fir-rigward esibixxa Dok JM bl-ispejjes **bla VAT**.

2. **Caroline Fenech** xehdet li pparkjat il-Hyundai fil-jum u lok imsemmija u meta marret lura sabet li nfetah fuqha *gate* ta' *construction site* li laqat lill-vettura. Vettura propjeta' ta' missierha, Joseph Micallef, imma ssuqha hi. Kellha grif mal-lemin kompatibbli mal-*gate*. Tal-hsara hallset il-Kumpanija Attrici, izda fuq il-polza hemm l-*excess*. L-incident irrapportatu l-Ghassa ta' San Pawl il-Bahar, jumejn wara (*ara* fol 3 tal-process). Irriferiet ukoll ghar-ritratti esibiti mal-AVVIZ li ttiehdu fil-lejl tal-incident.

3. **PC616 Russel Spiteri** tal-Ghassa ta' San Pawl il-Bahar li rcieva r-rapport minghand Caroline Fenech ikkonferma r-Rapport esibit *a fol* 3. Hu ma marx fuq il-post tal-incident izda ra l-hsara fil-vettura u din tnizzlet fir-Rapport.

4. **Il-Perit Colin Zammit** xehed b'affidavit (ara *fol* 36). Hu sostna l-eccezzjonijiet minnu mressqa. Qal li hu kien imqabbad mis-Socjeta' konvenuta biex jati servizz professjonali dwar l-izvilupp li ssemma fil-kawza, ma kienx *project manager* u ma kellux jiehu hsieb il-grada li taghlaq is-sit.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. L-ewwel ma jrid jigi carat hu li Caroline Fenech ma hallietx il-vettura f'post fejn kien jidher li ma kellhiexx thalliha. Ghalhekk hu eskluz xi tip ta' *volenti non fit injuria*.

2. Il-punt l-iehor hu li l-kumpanija li kellha f'idejha l-izvilupp tas-sit kellha tiehu hsieb li fil-fond ma jkun hemm xejn li jista jikkaguna danni lil xihadd. Senjatament kellha tiehu hsieb li l-grada li ssemmiet ma tinfetahx u tikkaguna danni, huma x'inhuma lil xihadd. Nghidu ahna sata kien ghaddej xihadd u l-grada tinfetah fuqu ghal gharrieda u twegghu. Ghalhekk is-Socjeta' Konvenuta hi responsabbli ghall-hsara fuq il-Hyundai.

3. Il-Perit Zammit hu ovvjament hieles minn kull responsabilta’. Dan kien dettal li ma kienx jaqa taht is-sorveljanza mmedjata tieghu.

DECIZJONI

It-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi (1) **jilqa** l-eccezzjonijiet tal-konvenut Perit Colin Zammit (2) **jilqa** t-talba tas-Socjeta’ Attrici fil-konfront ta’ Caroline Investments Ltd u jghaddi biex **jikkundanna** lill-istess Socjeta’ Konvenuta biex thallas *in linea* ta’ danni lis-Socjeta’ Attrici il-quantum ta’ tmien mija, wiehed u tmenin Ewro sitta u erbghin centezmi (€881.46c) u lill-Attur Joseph Micallef il-*quantum* ta’ €55 u (3) **jikkundanna** lis-Socjeta’ Konvenuta biex thallas l-ispejjes tal-kawza u dawk l-ohra msemmija fl-AVVIZ hlief dawk rigwardanti l-konvenut Perit Colin Zammit li fic-cirkostanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------